

Brussell, 22 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9304/25
ADD 1

TRANS 198
ENV 390
SOC 308

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 3068 annex
Suġġett:	ANNESSI tar- RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI dwar il-faqar fit-trasport: niżguraw mobbiltà affordabbli, aċċessibbli u ġusta

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 3068 annex.

Mehmuż: C(2025) 3068 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2025
C(2025) 3068 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tar-

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar il-faqar fit-trasport: niżguraw mobbiltà affordabbli, aċċessibbli u ġusta

ANNEX I

EŻEMPJI TA' INDIKATURI TAL-FAQAR TAT-TRASPORT

1. **I-KUMMISSJONI EWROPEA: ID-DIRETTORAT ĠENERALI TAL-IMPJIEGI, L-AFFARIJET SOĊJALI U L-INKLUŻJONI, CLUDIUS, J., NOKA, V., UNGER, N., DELFOSSE, L. ET AL., FINAL REPORT, “TRANSPORT POVERTY: DEFINITIONS, INDICATORS, DETERMINANTS, AND MITIGATION STRATEGIES”, OTTUBRU 2024¹**
- (1) Indikaturi li jiffukaw fuq l-affordabbiltà tat-transport
- (a) Is-sehem tal-popolazzjoni li qed tiffaċċja nuqqas infurzat ta' karozza skont il-grupp tal-introjt u t-tip ta' unità domestika għal kull grupp differenti tal-popolazzjoni
 - (b) Is-sehem tal-popolazzjoni li għaliha l-biljetti tat-transport pubbliku huma “għaljin wisq” (disponibbli wkoll skont il-grad ta' urbanizzazzjoni: bliet, irħula u subborgi, żoni rurali, u fost gruppi differenti tal-popolazzjoni)
 - (c) Is-sehem tal-popolazzjoni tal-unitajiet domestiċi identifikat mill-indikaturi ta' 6 % u 2M² tal-affordabbiltà tat-transport (disponibbli wkoll skont il-grad ta' urbanizzazzjoni: bliet, irħula u subborgi, żoni rurali, u għal kull grupp ta' popolazzjoni)
 - (d) Perċentwal tal-introjt disponibbli li jintefaq fuq it-transport (it-tħaddim tat-tagħmir tat-transport u tas-servizzi tat-transport) (disponibbli wkoll għal kull deċil tan-nefqa)
- (2) Indikaturi li jiffukaw fuq id-disponibbiltà tat-transport
- (a) Is-sehem tal-popolazzjoni li hija mċaħħda materjalment u soċjalment u li hija s-sid ta' karozza,
 - (b) Is-sehem tal-popolazzjoni li għaliha l-eqreb waqfa tat-transport pubbliku hija “ ‘l bogħod wisq” (disponibbli wkoll skont il-grad ta' urbanizzazzjoni: bliet, irħula u subborgi, żoni rurali),

¹ Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Cludius, J., [Noka, V., Unger, N., Delfosse, L. et al., Final Report](#), “Transport poverty: definitions, indicators, determinants, and mitigation strategies”, Ottubru 2024, https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/transport-poverty-definitions-indicators-determinants-and-mitigation-strategies-final-report_en. Sorsi: (1) a): Eurostat [[ilc_mddu05](#)], (1) b) : Sors: Eurostat [[ilc_mdcs13a](#)]. (1) d) : Eurostat [[icw_aff_05](#)], (2) c) : Il-mikrodata tal-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja tal-Eurofound 2016; (3): Eurostat [[lfsa_19plwk28](#)]

² Limitu ta' 6 %: is-sehem tal-popolazzjoni li tonfoq aktar minn 6 % jew aktar mid-doppju tal-medjan nazzjonali fuq it-transport u li għandha nefqa totali taħt il-medjan nazzjonali. 2M tirreferi għall-indiċi tal-infq sproporzjonat (2M tfisser id-doppju tal-medjan nazzjonali). Unità domestika titqies bħala vulnerabbli għat-transport jekk il-proporzjon tan-nefqa totali ddedikata għat-transport ikun aktar mid-doppju tal-medjan nazzjonali. Fi kliem ieħor, dawn huma unitajiet domestiċi li s-sitwazzjoni soċjoekonomika tagħhom twassalhom biex jonfqu b' mod sproporzjonat biex iżommu livell ta' mobbiltà xieraq għall-ħtiġijiet tagħhom.

- (c) Is-sehem tal-popolazzjoni b'aċċess "diffiċli ħafna" għat-trasport pubbliku skont il-popolazzjoni totali u l-popolazzjoni rurali
- (3) Indikaturi li jiffukaw fuq l-aċċessibilità tat-trasport
- Is-sehem tal-popolazzjoni attiva li tqatta' aktar minn 30 minuta biex tivvjaġġa lejn ix-xogħol (f' direzzjoni waħda) skont il-grad ta' urbanizzazzjoni
- (4) Indikaturi li jiffukaw fuq l-adegwatezza tat-trasport
- Is-sehem tal-popolazzjoni li tqis l-aċċess għat-trasport pubbliku diffiċli wisq għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa)

2. LISTA MHUX EŻAWRJENTI TA' EŻEMPJI TA' INDIKATURI UTILI ADDIZZJONALI LI JISTGĦU JIĠU ŻVILUPPATI JEW DIĠÀ JEŻISTU

Id-dimensjoni tal-affordabbiltà:

- (a) LIHC (low income, high cost; jew introjtu baxx, kost għoli) Indikatur li jkejjel is-sehem tal-unitajiet domestiċi bi spejjeż tat-trasport oġġla mill-medjan nazzjonali u f' riskju ta' faqar³
- (b) Indikatur ta' 10 % (il-perċentwal tal-unitajiet domestiċi fejn l-ispejjeż tat-trasport jammontaw għal aktar minn 10 % tal-introjtu nett)
- (c) Persuni li ma jistgħux jaffordjaw l-użu regolari tat-trasport pubbliku skont l-età, il-ġeneru, l-istatus tal-impjeg u l-grupp tal-introjtu⁴
- (d) L-istruttura tan-nefqa tal-konsum skont il-grad ta' urbanizzazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-konsum individwali skont l-iskop (id-data għall-2020 hija disponibbli wkoll)⁵

Id-dimensjoni tad-disponibilità tat-trasport u l-aċċessibilità għas-servizzi essenzjali:

- (a) L-għadd ta' passiġġieri ttrasportati bit-trasport pubbliku fil-belt u fiż-żona urbana funzjonali fis-sena
- (b) Passiġġier-kilometri fuq it-trasport pubbliku fil-belt u ż-żona urbana funzjonali fis-sena
- (c) L-għadd ta' spazji għall-parkeġġ tar-roti maġenb waqfiet u stazzjonijiet tat-trasport pubbliku fil-belt u fiż-żona urbana funzjonali
- (d) Ħin medju għall-ivvjaġġar ta' 3 km bit-trasport pubbliku mill-belt u ż-żona urbana funzjonali matul il-ħinijiet l-aktar intensivi u kwieti

³ taħlita tal-indikatur preċedenti u l-persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali skont il-grupp tal-pajjiż tat-twelid (popolazzjoni ta' 18-il sena u aktar) ([ilc_peps06n](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_mdcs13a/default/table?lang=en&category=livcon.ilc.ilc_md.ilc_mdcs))

⁴ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ilc_mdcs13a/default/table?lang=en&category=livcon.ilc.ilc_md.ilc_mdcs

⁵ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/hbs_str_t226/default/table?lang=en&category=degurb.degurb_livcon

- (e) Il-popolazzjoni b'waqfa fit-trasport pubbliku f'distanza ta' mixi (xarabank u tram f'distanza ta' 500 m u/jew waqfa tal-ferrovija jew tal-metro f'distanza ta' 1 km) – diġà teżisti għaż-żoni urbani⁶
- (f) Persuni f'impjeg skont il-ħin tal-ivvjaġġar, il-livell edukattiv milħuq u l-grad ta' urbanizzazzjoni⁷
- (g) Popolazzjoni aċċessibbli bil-ferrovija fi żmien 1.5 siegħa/popolazzjoni f'raġġ ta' 120 km x 100⁸

Għall-mixi, iċ-ċiklizmu, it-trasport pubbliku, il-fluss liberu tas-sewqan, is-sewqan f'kundizzjonijiet realistiċi/kongestjonati:

- (h) L-għadd ta' individwi/faċilitajiet ta' servizz milħuqa f'limitu speċifiku tal-ħin tal-ivvjaġġar (fil-livell tal-grilja, jew aggregat f'LAU/NUTS3)
- (i) Sehem tal-popolazzjoni b'aċċess għal mill-inqas N faċilitajiet ta' servizz f'limitu ta' ħin tal-ivvjaġġar (minn LAU/NUTS3) ("N" huwa l-għadd ta' faċilitajiet ta' servizz rilevanti li għandhom jitqiesu skont is-servizz)
- (j) Ħin tal-ivvjaġġar biex jintlaħqu l-eqreb N faċilitajiet ta' servizz/individwi (fil-livell tal-grilja, jew aggregat f'LAU/NUTS3)
- (k) L-indikatur tal-aċċessibbiltà Foster-Greer-Thorbecke (FGT2) li jgħodd individwi taħt limitu ta' suffiċjenza predefinit 'ponderat skont il-firxa tad-defiċit ta' aċċessibbiltà tagħhom f'ħin tal-ivvjaġġar partikolari (40-50 min) (fil-livell tal-grilja jew aggregat f'LAU/NUTS3)

Għad-dimensjonijiet tad-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà, dawn li ġejjin jistgħu jkunu ta' għajjnuna:

- Il-Kummissjoni Ewropea, Passenger Rail Performance in Europe: Regional and territorial Accessibility Indicators for Passenger Rail, 2021¹⁰
- Għat-trasport bit-triq, ara l-Kummissjoni Ewropea, Road Transport Performance in Europe, 2018¹¹

⁶ Ara t-Tmien Rapport dwar il-Koeżjoni l-Kummissjoni Ewropea, Cohesion in Europe towards 2050, eighth report on economic, social and territorial cohesion, 2021, mappa 4.7, https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/reports/cohesion8/8cr.pdf

⁷ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/lfsa_19plwk28/default/table?lang=en&category=degurb.degurb_labour.du_lfsa.19

⁸ Ara l-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brons, M., Poelman, H., Ackermans, L., Ibáñez, J. N. *et al.*, Passenger rail performance in Europe – Regional and territorial accessibility indicators for passenger rail, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

⁹ Ara Science direct, 'Defining and implementing a sufficient level of accessibility: What's stopping us?', Jean Ryan and Karel Martens, Settembru 2023, <https://doi.org/10.1016/j.tra.2023.103792>

¹⁰ Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, Brons, M., Poelman, H., Ackermans, L., Ibáñez, J. N. *et al.*, Passenger rail performance in Europe – Regional and territorial accessibility indicators for passenger rail, Publications Office of the European Union, 2021, https://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/working-papers/2022/passenger-rail-performance-in-europe-regional-and-territorial-accessibility-indicators-for-passenger-rail

¹¹ https://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/working-papers/2019/road-transport-performance-in-europe

- Il-Kummissjoni Ewropea, Cohesion in Europe towards 2050, eighth report on economic, social and territorial cohesion, 2021, ara l-Mappa 4.7¹²
- Il-Kummissjoni Ewropea, Ninth report on economic, social and territorial cohesion, 2024¹³
- Studji Rurali tal-OECD, “Getting to Services in Towns and Villages”, Preparing Regions for Demographic Change, 2024, p. 13¹⁴

Biex jiġu vvalutati l-kwalità u s-suffiċjenza tan-network tat-trasport pubbliku, id-diversi modi ta' trasport pubbliku jistgħu jinqasmu f' "kategoriji ta' kwalità" abbażi tal-livell ta' frekwenza tal-mod ta' trasport (eż. inqas minn 5 minuti, 5-10 minuti, 10-20 minuta, eċċ.) u d-distanza sal-waqfa li jmiss ta' kull mezz ta' trasport¹⁵.

Id-dimensjoni tal-adegwatezza tat-trasport:

- (a) Sehem ta' waqfiet tal-metro b'faċilitajiet għall-persuni b'diżabbiltà u b'mobbiltà mnaqqsa
- (b) L-għadd ta' vendi u stazzjonijiet tat-trasport pubbliku fil-belt u fiż-żona urbana funzjonali aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa
- (c) L-għadd ta' vetturi tat-trasport pubbliku fil-belt u fiż-żona urbana funzjonali aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, imqassam skont it-tip ta' vettura

¹² https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/reports/cohesion8/8cr.pdf

¹³ https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/reports/cohesion9/9CR_Report_FINAL.pdf

¹⁴ https://www.oecd.org/en/publications/getting-to-services-in-towns-and-villages_df1e9b88-en.html

¹⁵ Ara l-eżempju tal-Awstrija, <https://www.oerok-atlas.at/oerok/files/summaries/87.pdf>; <https://www.oerok-atlas.at/#indicator/87>

ANNESS II¹⁶

APPOĠĠ GĦALL-MOBBILTÀ SOSTENIBBLI: EŻEMPJI TA' MIŻURI U INVESTIMENTI KOSTEFFETTIVI MMIRATI¹⁷

- (1) Fokus fuq l-għoti ta' appoġġ lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jew b'introjtu medju inferjuri f'żoni ġeografiċi mhux moqđijin tajjeb
 - It-titjib tas-servizzi tat-trasport pubbliku u t-tneđija ta' linji tal-karozzi tal-linja/kowċis/ferrovjarji f'żoni suburbani, periurbani u rurali fil-biċċa l-kbira b'introjtu baxx
 - Il-konstruzzjoni ta' infrastruttura tat-trasport pubbliku f'żoni fil-biċċa l-kbira b'introjtu baxx; ċentri ta' mobbiltà għall-iffaċilitar tal-iskambju u l-konnessjonijiet bejn it-trasport pubbliku, il-mobbiltà kondiviża, iċ-ċikliżmu u l-mixi f'żoni fil-biċċa l-kbira suburbani, periurbani u rurali, li jgħaqqduhom maċ-ċentri tal-bliet

- (2) Fokus fuq l-appoġġ għal gruppi vulnerabbli
 - Trasport speċifiku ssussidjat minn bieb sa bieb fuq talba jew servizzi tat-trasport pubbliku b'emissjonijiet żero li jrispondu għad-domanda għal gruppi vulnerabbli
 - Programmi ta' vouchers għat-trasport pubbliku lokali u abbonamenti ta' mobbiltà kondiviża (inklużi roti, roti elettriċi u skuters) għal gruppi vulnerabbli
 - Aċċessibbiltà mtejba tat-trasport pubbliku għall-persuni b'diżabilità bl-installazzjoni ta' rampi, liftijiet, u avviżi awdjo
 - Il-bini ta' korsiji siguri għar-roti, spazji siguri għall-parkeġġ tar-roti u stazzjonijiet għall-kondiviżjoni tar-roti u faċilitajiet siguri għall-qfil qrib l-iskejjel, iċ-ċentri taż-żgħażaġh u l-universitajiet
 - Skemi ta' lokazzjoni soċjali għal vetturi b'emissjonijiet żero, għall-unitajiet domestiċi, għall-mikrointrapriżi, u għal utenti tat-trasport vulnerabbli oħra, flimkien mal-infrastruttura tal-iċċarġjar korrispondenti

- (3) Il-kombinament tat-titjib tat-trasport pubbliku (disponibbli għal kulħadd) ma' skemi ta' appoġġ finanzjarju għall-gruppi vulnerabbli

¹⁶ L-ikkomplementar tal-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ta' (Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika, Ramboll Management Consulting, Wuppertal Institute for Climate Environment and Energy, Ludden, V., Laine, A.-M. et al., Support for the implementation of the Social Climate Fund — Note on good practices for cost-effective measures and investments, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2834/602067>), kif ukoll il-Gwida tal-Kummissjoni dwar il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima, il-Kummissjoni Ewropea, Avviż tal-Kummissjoni, Gwida dwar il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima, C (2025) 881 final, 5.3.2025, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=OJ:C_202501597

¹⁷ Il-miżuri u l-investimenti huma kollha eliġibbli taħt il-Fond Soċjali għall-Klima. Skont is-sitwazzjoni f'kull Stat Membru.

- Xiri ta' karozzi tal-linja jew vetturi ferrovjarji b'emissjonijiet zero¹⁸ fi nħawi urbani, suburbani u periurbani li mhumiex moqdija biżżejjed flimkien ma' vawċers/kartieri tal-mobbiltà diġitali għall-utenti tat-trasport vulnerabbli
- L-istabbiliment ta' servizzi tat-trasport fuq talba b'emissjonijiet zero f'oqsma li ma għandhomx servizzi tat-trasport pubbliku adegwati jew għall-konnessjoni tal-“aħħar mil”, possibbilment ikkombinati ma' vouchers/kartieri tal-mobbiltà diġitali għall-utenti tat-trasport vulnerabbli
- Investimenti fl-infrastruttura tal-mixi u taċ-ċikliżmu, flimkien ma' sistemi ta' kondiviżjoni tar-roti u/jew sussidji għax-xiri, il-kiri fit-tul u/jew il-lokazzjoni ta' roti, roti elettriċi u roti tal-merkanzija għal gruppi vulnerabbli
- Skemi sussidjati ta' kondiviżjoni tal-vetturi b'emissjonijiet zero jew programmi ta' kiri għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx flimkien ma' investiment f'infrastruttura pubblika tal-irriċarġjar.

¹⁸ Vetturi ferrovjarji ħfief b'emissjonijiet zero li jippermettu l-użu ta' infrastruttura eżistenti mingħajr titjib jew b'titjib minimu u biex tiżdied il-frekwenza tas-servizzi pprovduti.